TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT/155/15/MS

Arthur Abela

vs

Bajada New Energy Limited

Illum 16 ta' Novembru, 2015

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent tat-18 ta' Awissu, 2015

Ra r-risposta tal-intimata tat- 2 ta' Settembru, 2015

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda bil-gurmanet.

Ikkunsidra

Irrizulta illi fit-18 ta' Frar 2015 ir-rikorrent Arthur Abela xtara erba' panelli tax-xemx bl-atrezzi taghhom sabiex iwahhalhom huwa stess jew igib min iwahhalhom bil-prezz totali ta' 1350 Euro.

Mal-ordni ir-rikorrent hallas mitt Euro izda meta ircieva il-konsenja sab illi kien hemm cable nieqes u ghalhekk ma hallasx il-bilanc kollu sakemm l-ghada saret il-konsenja tal-cable.

Ir-rikorrent qabbad lil Charles Caruana, li huwa qualified electrician, sabiex jarmalu s-sistema izda meta kienu qeghdin jarmaw irrejalizzaw illi kien hemm hafna affarijiet neqsin u li minhabba f'hekk ix-xoghol ma setax jitkompla.

Ir-rikorrent ilmenta mas-socjeta' intimata u din baghtitlu il-partijiet neqsin pero ir-rikorrent kellu jerga' jingagga lil Charles Caruana biex ikomplilu x-xoghol u kellu jerga' jhallas mitt Euro ohra ghal din il-guranata zejda illi kellu jahdem Caruana sabiex jispicca s-sistema.

Ir-rikorrent talab lis-socjeta' intimata tirrizarcih is-somma ta' mija u hamsa u tmenin Euro (E185) - kwantu ghal mitt Euro - gurnata xoghol extra tal-electrician u kwantu ghal hamsa u tmenin Euro 'minimu ta' gurnata xoghol li tilef ir-rikorrent.'

Illi skond ma qal ir-rikorrent, is-socjeta' intimata offrietlu credit note ta' mija u hamsin Euro bhala kumpens pero' hu ma riedx jaccetta ghaliex ma riedx jidhol f'negozju iehor maghhom u talab minflok flus kontanti. Dan is-socjeta' intimata irrifjutat.

Illi s-socjeta intimata dahlet ir-risposta taghha fejn hija kkonfermat illi r-rikorrent xtara l-panelli minghandhom. Skond huma id-delivery sar minghajr hlas u r-rikorrent kien moqdi. Jikkonfermaw illi jircievu ilment illi kien hemm xi affarijiet neqsin u dawn tahomlu ukoll fi zmien qasir. Pero' qeghdin jirrifjutaw illi jilqghu t-talba tar-rikorrent peress illi huma isostnu illi r-rikorrent ircieva il-materjal kollu mal-ewwel konsenja.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi jirrizulta minnu illi mal-konsenja kien hemm cable nieqes tant illi fuq l-ircevuta hemm registrat dan in-nuqqas bid-dikjarazzjoni illi l-prezz totali finali jithallas mal-konsenja tal-cable. U hekk sar.

Dan it-Tribunal huwa propens illi jemmen il-versjoni tar-rikorrent peress illi zgur illi ma kienx ser jiehu l-izbriga li jgib electrician darbtejn li kieku kellu l-partijiet disponibbli mal-ewwel. In-nuqqas gie konfermat ukoll bil-gurament mill-electrician Charles Caruana li kkonstata personalment in-nuqqas li kellu jigi darbtejn biex jikkompleta x-xoghol li seta' kkompleta f'darba kieku l-parts kienu kollha disponibbli.

Terga' u tghid is-socjeta intimata qieghda tikkonferma illi kien hemm xi nuqqasijiet ghax fir-riposta taghha qieghda tghid illi dawn baghtithomlu bla hlas. It-Tribunal jirraguna illi b'daqshekk is-socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda pjacir lir-rikorrent ghax dawn suppost kellhom jigu konsenjati bla hlas l-ewwel darba peress ir-rikorrent kien diga hallas ghalihom u ghalhekk kien inkluz fil-prezz. Kieku s-socjeta' konvenuta talbet il-hlas ghal dawn il-parts kien ifisser li ser tithallas darbtejn ghall-istess haga u ghalhekk huwa ovvju illi ghal din it-tieni konsenja is-socjeta' konvenuta ma setghetx titolb il-hlas.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont mitlub mir-rikorrent, it-Tribunal jidhirlu illi ghandu jilqa' l-ammont ta' mitt Euro (hlas ghall-electrician illi kellu jigi darbtejn) u l-ammont ta' hamsin Euro bhala danni ghat-telf ta' gurnata li kellu jbati r-rikorrent - b'kollox ghalhekk l-ammont ta' mija u hamsin Euro, li kien wara kollox l-ammont li s-socjeta' intimata kienet disposta li tirrifondi lir-rikorrent permezz ta' credit note, kif qal ir-rikorrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghas-somma ta' mija u hamsin Euro u jikkundanna lis-socjeta' intimata li thallas lir-rikorrent is-somma ta' mija u hamsin Euro ghar-ragunijiet fuq imemmija. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**